MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1249/2003

**Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita` taghha, ta' rapprezentanti ex lege u ghalhekk ghan-nom tal-membri tal-Lloyds illi flimkien jiffurmaw id-ditti assikuratrici ossija sindikanti tal-Lloyds illi jgibu n-numru u li joperaw taht l-isem Octavian at Lloyds u Fogg Insurance Agencies Limited bhala rapprezentanti lokali tal-istess ditta ossija sindakati kif jinsabu surrogati fid-drittijiet tal-assikurata taghhom Marlene Fenech**

**Vs**

**Paul Barberi**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Gunju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm386 (tlett mija u sitta u tmenin Lira Maltin) rapprezentanti ta' danni kkagunati f'incident awtomobilistiku f'Birkirkara.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta` attrici titlob il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm386 ammont minnhom zburzat sabiex tissewwa il-vettura numru ta' registrazzjoni FAF 121 liema vettura kienet involuta f'incident stradali li sehh fid-19 ta' Novembru 2002 fi Triq Dun Karm, B'Kara meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni JAR-868 u liema incident gara unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-ttraffiku prevja, jekk hemm bzonn, dikjarazzjoni illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-19 ta' Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. L-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda htija ta' Marlene Fenech li kienet qed issuq vettura Nru. FAF 121.
2. Ghalkemm ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni.
3. In oltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-kollizzjoni in dezamina okkorriet fuq roundabout fi triq arterjali bhala ma hi Triq Dun Karm, B' Kara. Dina tikkomprendi zewg karreggjati f' direzzjoni opposta. L-attrici kienet fuq dik ta' gewwa u riedet tikser ghal dik tal-lemin biex iddur mar-roundabout. Il-konvenut da parti tieghu kien fuq dik ta' barra, u ried jibqa sejjer fid-dritt.

Waqt li l-attrici bdiet manuvra biex iddur, u l-konvenut beda jissorpassaha, iz-zewg vetturi habtu ma xulxin.

Jirrizulta li l-attrici tat avviz ta' kambjament tad-destinazzjoni, pero' gie moghti 'a tempo vergine' bi pre-avviz sufficjenti biex il-vetturi ta' warajha jkollhom konjizzjoni sufficjenti biex jadoperaw mizuri opportuni?

Illi wiehed irid jiftakar li l-attrici kienet qed issuq fuq ix-xellug. Fil-vicinanzi daqshekk imminenti tar-roundabout, messha tat pre-avviz ferm qabel. Mhux hekk biss, izda messha pposizjonat ruhha fuq il-karreggjata ta' barra sabiex ma kienx ikollha diffikolta biex timmanuvra mar-roundabout.

Il-karreggjata ta' gewwa ma hiex intiza biex iddur mar-roundabout izda biex tibqa' ssuq il-quddiem. Min ikun fuq il-karreggjata ta' barra, ikun giustifikat li jahseb li l-vettura fuq ix-xellug tieghu kienet ser tipprosegwixxi fid-dritt u mhux tikser. Mhux hekk biss. Sabiex tikser, hija essenzjali l-preskawzjoni ta' 'proper look out' ghal vetturi fuq il-lemin taghha biex ma tinfluwixxix ghal 'free flow of traffic'. Inoltre kien dover taghha li tara li ma tikkostitwix ruhha ta' perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Dana ma sarx billi saret il-kollizzjoni. Fil-konfront tal-konvenut, it-Tribunal huwa tal-opinjoni li la kkaguna u wisq anqas ikkontribwixxa ghas-sinistru. Kien fuq in-naha tieghu tat-triq, baqa isegwi l-karreggjata tieghu. Kif jidher mis-sitt (6) ritratti esibiti a Fol 39 tal-process, hija aktar verosimili l-versjoni moghtija minnu. Tenut kont tad-daqqiet fuq il-vetturi, l-attrici kisret meta l-konvenut kwazi qabizha.

Jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------